52

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
16 FEB 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

15 ta' Frar 2022

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/141/21* |
| *Lokazzjoni:* | *Avenue 56, Triq Castro, Naxxar* |
| *Proposta:* | *proposed alterations and extension to existing to form 1 apartment and triplex unit. Proposal includes installation of lift and construction of pool.* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**John Casaletto u Victoria Casaletto**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar u Keith Bezzina**

L-Appellanti jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2021, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 141/21.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) u ppublikata fid-19 ta' Jannar 2022, l-istess Kummissjoni approvat l-applikazzjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellanti ihossuhom aggravati minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annessi:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti jissottomettu ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Fl-ewwel lok, jibda sabiex jinghad illi l-emfazi li saret f' din l-applikazzjoni kienet it-transition bejn l-izvilupp propost u l-UCA, minnghajr pero kunsiderazzjoni tal- fatt illi l-binja proposta tinsab fil-vicin u l-prossimita ta' binja skedata, u ghaldaqstant l-analizi kellha ukoll issir a bazi ta' dan il-fatt.

1.2 Illi huwa car li hawn m' huwiex semplici UCA izda zvilupp f' zona ta' impatt u kusiderazzjoni ta' binja skedata u ghaldaqstant l-izvilupp kif propost imur kontra dak li jipprovdi kemm l-iSped, kif ukoll id-DC 2015 u izjed u izjed dak stipulat fic-cirkolari 3/20.

1.3 Illi tenut kont tas-sensitivita tas-sit u l-prossimita ta' l-istess mas-sit skedat, kellha rilevanza superjuri il-konsultazzjoni mal- SCH, liema konsultazzjoni dejjem kienet fin-negattiv.

1.4 Illi il-permess kif approvat jikkreja pretest ghall-zviluppi simili tant illi applikazzjoni attwalment pendenti u cioe 3723/21 qeghda forst l-ohrajn tigi ikkunsidrata ghall-approvazzjoni minhabba il-committment ikkreat fil-permess odjern.

1.5 Tant illi fl-ahhar seduta quddiem il-Kummissjoni, fil- PA 3723/21 jinghad hekk:

*PC notes various commitments within the immediate surrounding context which have been developed to their maximum height potential such as PA 141/21, PA3934/10 as presented in doc 100a.*

1.6 Illi kif ser jigu ampjament ippruvat waqt dan l-appell, l-izvilupp propost m'huwiex in linea ma dak provdut fil-policies rispettivi.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikazzjoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellant u jordna li jinhareg ir-rifjut relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Xhieda:

> L-appellant, konsulenti, enetitajiet governattivi u regolatorji u terzi persuni sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4, Britannia House,**
**Old Bakery Street**
**Valletta**